Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 24 – IL-ĦAMIS, 1 TA' DIĊEMBRU 2016**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-18:06 sad-21:05.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **David Thake** | **Viċi Sindku (18:22)** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier (18:38)** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier (18:15)** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier (18:22 sa 19:28)** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier (18:22)** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |

| | | |
|---|---|---|
| **Assenti b'Apoloġija:** | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier (indisposta)** |
| | **Matthew Barbara** | **Kunsillier (xogħol)** |

**Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.**

1. NUQQAS TA' QUORUM

1.1. Fil-ħin li ssejħet il-laqgħa kien hawn preżenti sitt kunsilliera u għalhekk ma kienx hawn il-quorum meħtieġ biex tibda l-laqgħa.

1.2. Fis-18:15 wasal il-kunsillier Cremona, intlaħaq il-quorum, u l-laqgħa setgħet tibda.

2. APOLOĠIJI

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillieri Buhagiar u Barbara kienu nfurmawh li ma setgħux jattendu. Simone Aquilina ukoll infurmat li kienet indisposta li tattendi għal-laqgħa peress li se ssiefer fl-istess ġurnata tal-laqgħa.

3. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1. Kienu ppreżentati l-minuti ta' laqgħa numru 22 li saret fis-27 t' Ottubru 2016, u li ġew meqjusa moqrija.

3.2. Emenda għal punt 5.4 fejn għandu jiżdied dan li ġej 'intqal ukoll li qed jingħata servizz tajjeb mill-ħaddiema li qed inaddfu l-latrini fil-preżent. Is Sindku talbet li jingħata direct order għall-Ħdud u meta ma jkunx possibli li s-servizz jingħata mill-ħaddiema tal-kunsill sakemm tiġi rranġata s-sitwazzjoni.' Il-kunsill approva.

3.3. Fis-18:22 waslu l-kusilliera D.Grima, Piscopo, u l-viċi Sindku.

3.4. Emenda għal punt 5.5 Il-kunsillier A. Grima jgħid li fl-opinjoni tiegħu għandha tiżdied li 'ġie ċċarat li qed isiru xogħlijiet oħra speċjalment ta' ġbir ta' skart goff abbandunat li qed itellef mix-xogħol propju tal-handyman.'

3.5. Il-minuti ta' laqgħa numru 22 bid-data tas-27 t'Ottubru 2016 ġew approvati.

3.6. Ġew ippreżentati wkoll il-minuti ta' laqgħa urġenti li saret fit-3 ta' Novembru, u dawn ġew ukolll meqjusa bħala moqrija.

3.7. Dwar punt 3.1 ta' dawn il-minuti, is-Sindku proponiet, u ġie maqbul li l-aħħar parti tas-sentenza għandha tkun taqra kif ġej: '€500 dovut għal kull kunsillier' u mhux '€500 kull kunsillier'

4. PUNTI MILL-MINUTI

4.1. Dwar punt 3.5 inqrat korrispondenza mis-Sindku li ntbagħtet mis-sur Vincent Cassar, Chairman PA, li fiha jispjega ċ-ċirkustanzi meta l-kunsill jista' jkollu rappreżentanza u jżid li l-Kunsill Lokali

jista' dejjem ikun preżenti bħala parti mill-pubbliku u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

4.2. Dwar punt 3.7 il-kunsillier Vella jgħid li l-ġimgħa d-dieħla jkollna risposta jekk il-kunsill ġiex magħżul biex ieħu sehem fil-Youth Exchange.

4.3. Dwar punt 4.4, l-iskola qablet mal-punti li tressqu mill-kunsill.

4.4. Dwar punt 4.7, il-pjanti intalbu lid-Dipartiment ikkonċernat.

4.5. Dwar punt 4.13, PA 04363/16, kien hemm korrispondenza mill-GPD li tgħid li l-propjeta' msemmija hija propjeta' tal-Gvern mikrija.

4.6. Dwar punt 4.14, PA 5374/08, intqal li l-applikazzjoni ġiet sospiża, iżda li l-pjanti ser jintalbu xorta biex ikunu aċċessibli.

4.7. F'korrispondenza relatata ma' punt 4.20, il-kunsill għadda l-proposta lil WEEE Malta dwar il-bżonn ta' trolley ieħor f'post aktar ċentrali fil-lokalita' u kien hemm qbil li dan isir fis-sub office ta' Buġibba. Dwar il-proposta ta' rotazzjoni ta' trolley f'postijiet differenti, WEEE Malta infurmawna li japrezzaw is-suġġeriment u li ser ikunu qed jaħdmu fuq idea simili.

4.8. Dwar punt 5.2, il-pagament kien għal shifting ta' bozza u mhux tiswija.

4.9. Wasal il-kunsillier Tabone fis-18:38

4.10. Dwar punt 5.6 inqrat korrispondenza minn Guard and Warden Service House Ltd. li tispjega kif dawn huma ħlasijiet miż-żmien meta kien hemm il-Joint Committee, bejn l-2001 u l-2011, u li Guard and Warden huma intitolati skond it-tender għal 35% fuq kull ċitazzjoni li tinħareġ minn speed camera.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1. Is-Sindku proponiet *redesign* tal-playingfields kollha tal-lokalita' peress li dawn ilhom diversi snin li saru, bl-eċċezzjoni tal-bandli ta' fejn l-iskola fejn il-kunsill għandu proġett pjanat . Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.2. Irċevejna korrispondenza mingħand waħda mill-iskrivana fejn titlob li taħdem bis-sistema ta' teleworking. Il-kunsillier A.Grima staqsa jekk hemmx daqshekk xogħol li jista' jsir mid-dar. Il-Viċi Sindku semma l-possibilta' li anke jitwieġbu t-telefonati mid-dar u l-kunsillier A. Grima staqsa jekk din hix possibli minħabba protezzjoni tad-data. Intqal li jekk hemm qbil inħallu f'idejn is-SE

u l-kunsill jawtorizza lis-SE jieħu deċiżjoni hu. Kien hemm qbil unanimu.

5.3. Korrispondenza mingħand l-ERA dwar l-EIS tal-proġett ta' Beach replenishment fil-Pwales ix-Xemxija. Il-kunsill qabel li nagħmlu laqgħa biex ikollna aktar informazzjoni, u jintbagħtu l-kummenti.

5.4. Korrispondenza mingħand ADI Associates dwar l-EIA għal bini ta' pompa tal-petrol ġdida. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kunsil.

5.5. Il-kunsillier Tabone talab li jekk il-laqgħat isiru matul il-ġurnata għandu jingħata *brief* tal-proġetti.

5.6. Ċirkulari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bin-numru 16/2016 dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku pproponiet li din tittella' fl-aġenda fil-laqgħa li jmiss. Il-kunsill qabel.

5.7. Komunikazzjoni dwar azzjoni ta' infurzar mis-sezzjoni ta' infurzar fi ħdan l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-rigward ta' riklami/banners imwaħħlin mar-railings matul ix-xatt ta' Buġibba. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunika din l-azzjoni ta' infurzar lill-kuntrattur li min-naħa tiegħu wieġeb li qiegħed f'kuntatt ma' l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar.

5.8. Il-kunsillier Bugeja staqsa jekk din il-kumpanija privata hux qed tagħti rendikont.

5.9. Il-kunsillier D.Grima qal li għandna niċċekjaw fil-kuntratt jekk hemmx ta' min hi r-responsabbilta' tal-permessi.

5.10. Il-Viċi Sindku Thake qal li jekk qed jitwaħħlu mill-kumpanija u l-kunsill m'għandu l-ebda veto għandna nitolbu kjarifika jekk l-Awtorita' hux qed tawtorizza lill-kunsill li jaqla dak kollu li hu bla permess. Il-kunsillier Bugeja qal li għandna noqgħodu attenti f'dan ir-rigward peress li hemm bye law li tirregola dan.

5.11. Ġie deċiż li għanda nieħdu parir legali dwar din il-materja.

5.12. Il-kunsillier A.Grima semma reklam partikolari li jgħatti l-veduta minn fuq il-bank u talab li dan jitneħħa.

5.13. Is-Sindku tat aġġornament dwar il-kwistjoni legali ma' Dimbros Ltd. Waqt is-seduta li saret il-kuntrattur talab li jagħmlu x-xogħlijiet huma għax il-kuntrattur qal li l-kuntratt għadu in vigore. Fil-fatt il-kuntratt huwa skadut. Intqal ukoll mill-avukat tal-kuntrattur li l-kuntrattur kien ġie mitlub li jagħmel ix-xogħolijiet hu a spejjeż tal-istess kuntrattur, iżda l-kuntrattur ma qabilx li dan ix-xogħol għandu jerġa' jsir minnu mingħajr ma jsir ħlas għalih. Waqt is-seduta, il-kuntrattur ikkonferma dan. Saret spezzjoni fuq xi siti mar-rappreżentanti mill-qorti flimkien mal-kuntrattur u ġie

deċiż li jsiru t-testijiet minn samples fuq l-asfalt, u dan għalissa a spejjeż tal-Kunsill. Kien hemm qbil li wara li jsiru dawn it-testijiet ikun jista' jinbeda x-xogħol. Il-kunsillier Piscopo staqsa min fetaħ il-kawża u s-Sindku wieġbet li l-kawża fetaħha l-kunsill.

5.14. Il-Kunsill applika għal skema ta' għajnuna finanzjarja għall-korsijiet tal-lifelong learning.

5.15. Korrispondenza mingħand Lifelong Learning Coordinator sabiex isir English Conversation Course. Il-Kunsill qabel.

5.16. Komunikazzjoni mil-Legal Officer tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'referenza għall-abbozzi tal-bye laws u tistaqsi jekk il-kunsill għadux interessat fl-introduzzjoni ta' dawn il-bye laws. Is-Sindku semmiet il-lista ta' dawn il-bye laws sabiex dan l-item ikun jista' jitpoġġa fuq l-aġenda ta' laqgħa oħra tal-kunsill.

5.17. Ġejna kkuntatjati mill-Awtorita' tad-Djar dwar il-garaxx li l-kunsill juża fi Triq J. Quintinus u li huwa propjeta' ta' l-istess Awtorita' u dan minħabba li ma nstabitx kopja tal-agreement għal kiri ta' dan il-garaxx. Is-Sur Sandro Saliba f'laqgħa mas-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa mportanti li s-sitwazzjoni dwar dan il-garaxx tiġi regolarizzata u li l-kunsill jieħu deċiżjoni dwar jekk iridx li jżomm dan il-garaxx. Il-Kunsill ġie mitlub ukoll iħallas b'lura il-ħlasijiet li ma għamilx għall-kirja ta' dan il-garaxx. Is-Sur Saliba informa lis-SE li l-kirja ta' dan il-garaxx hi ta' €5,665 fis-sena u jkun hemm tnaqqis ta' 25% li jingħata lill-Kunsilli Lokali mill-Awtorita' tad-Djar. Il-kunsill qabel li l-prezz li qed jintalab għall-kirja huwa prezz għoli ħafna għal garaxx u li għandna nitolbu aktar informazzjoni.

5.18. Il-kunsillier Piscopo jiitlob li jiġi skużat fis-19:28

5.19. Is-Sindku talbet li l-laqgħa tiġi sospiża biex l-accountant tal-Kunsill tispjega r-rapport finanzjarju ta' kull kwart tas-sena. Il-Kunsill qabel.

6. 6. Rapport Finanzjarju ta' kull kwart tas-sena

6.1. F'dan il-ħin il-kunsill sejjaħ lill-accountant biex tispjega dan ir-rapport.

6.2. L-accountant spjegat li l-kunsill issa għandu bilanċ pożittiv u wara diskussjoni, ir-rapport ġie approvat unanimament kif preżentat.

7. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI

7.1. Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti.

7.2. Dwar pagament 667 lil Arts Council Malta ġie ċċarat li l-ammont għandu jkun jaqra €3000 u mhux €5000.

7.3. Dwar pagament numru 705, ġie spjegat li dan il-kont mhux ser jitħallas mill-kunsill peress li din kienet attivita' ta' għaqda non-governattiva u l-fattura ħarġet bi żball fuq il-kunsill. Ġie deċiż li l-kunsill jikkuntattja lill-Pulizija biex jibgħatu dan il-kont lill-organizzaturi ta' l-attivita'.

7.4. Il-Viċi Sindku talab biex tibda tittieħed nota tan-numru ta' l-ordni għax-xiri ta' oġġetti biex dan jitniżżel fuq il-fattura li tingħata lill-accountant biex din ta' l-aħħart kun tista' tniżżel dan in-numru fl-iskeda tal-pagamenti.

7.5. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata.

7.6. Is-Sindku talbet l-approvazzjoni biex jinxtara compactor, u stickers tar-rimi ta' skart, fil-limitu tad-direct order, kif ukoll li jinħareġ tender ta' skart goff abbandunat li jinkludi wkoll servizz ta' emerġenza. Il-Kunsill qabel. Intalab ukoll li għandha tinkera / tinxtara photocopier, possibilment bil-maintenance agreement. Il-kunsill qabel. Spjegat ukoll is-sitwazzjoni tat-triq li tagħti minn Burmarrad għan-Naxxar (t'Alla w'Ommu). Il-Kunsill qabel li jitqabbad kuntrattur privat sabiex isir xogħol permezz ta' direct order.

7.7. Komunikazzjoni minn Astro Club dwar ħsarat u bżonn ta' manutenzjoni li hemm bżonn issir fuq il-proġett tal-Planet walk matul ix-xatt ta' Buġibba, inkluż li jerġgħu isiiru l-pubblikazzjonijiet li kienu saru fil-passat u jiġu emendati fejn meħtieġ. Il-kunsill approva unanimament.

## 8. ATTIVITAJIET U TIŻJIN TAL-MILIED

8.1. Is-Sindku nfurmat li t-tiżjin ta' Triq it-Turisti ser ikun qed jintrama' permezz ta' kuntrattur imqabbad mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu (MTA), u li l-Kunsill Lokali għandu joħroġ sa massimu ta' elf ewro sabiex ikopri parti mill-ispejjeż tal-kiri u armar tad-dawl.

8.2. Is-Sindku tat dettalji dwar 2 attivitajiet, waħda fil-Pjazza tas-Santana, l-Qawra fit-18 ta' Diċembru u attivita' oħra bejn il-21 u t-23 ta' Diċembru fi Ġnien Parades, San Pawl il-Baħar, fejn ser isir tentattiv biex jinkiser rekord nazzjonali dwar l-itwal siġra naturali mżejna b'tiżjin tal-Milied li ser ikun magħmul mit-tfal. Din l-attivita' ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Festa Marija Sultana tal-Martri.

8.3. Is-Sindku nfurmat li rċevejna korrispondenza relatata ma' l-attivitajiet tal-Milied mis-Superjur tal-Museum ta' San Pawl il-baħar fejn jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex jipprovdi l-banda li takkumpanja l-purċissjoni bil-bambin. Il-kunsill qabel.

8.4. Attivita' oħra għal żmien il-Milied hija l-attivita' organizzata mill-kunsillier A. Bezzina li ser issir fis-26 ta' Diċembru u tkun tikkonsisti f'ħarġa għal Għawdex.

8.5. Dwar l-ikla jew riċeviment tal-Milied, inqrat iċ-ċirkulari li ntbagħtet mid-Dipartiment bħala linja gwida. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Bugeja kien hemm qbil li jsir drink bejn il-kunsilliera u l-ħaddiema.

## 9. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TA' EVALWAZZJONI TAT-TENDERS

9.1. Tressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar it-tender 'Patching and Road Resurfacing' u l-kunsill approva li jmur għall-irħas offerta skond kif indikat fir-rappport ta' evalwazzjoni.

9.2. Ġie mressaq ukoll ir-rapport dwar it-tender bl-isem 'Construction of Foothpaths'. Ġie nnutat li l-irħas offerta kienet ta' kuntrattur li preżenta t-tender tiegħu bil-kuntatti u t-timbru ta' kuntrattur li miegħu il-kunsill għandu kwistjonijiet legali, iżda b'isem ta' reġistrazzjoni differenti fuq is-sistema elettronika. Wara diskussjoni, Il-kunsill iddiskuta t-tieni l-irħas offerta, u ġie propost li għal differenza żgħira fil-prezz, il-Kunsill għandu jaħdem mat-tieni l-irħas peress li dan għandu rekord pożittiv f'xogħlijiet mal-kunsill fil-passat kuntrarjament għall-irħas offerent. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jagħżel it-tieni l-irħas offerta u din ġiet sekondata mill-kunsillier Vella. Ittieħed vot b'disa' (9) voti favur u vot wieħed (1) kontra mill-kunsillier Tabone.

9.3. Dwar il-proġetti ta' Embellishment mill-MTA fi Triq il-Luzzu, Triq il-Knisja, u Triq San Franġisk, ser tiġi mitluba kjarifika mill-partijiet interessati dwar *specifications* fis-sezzjoni tal-*Garden Furniture.*

## 10. NUQQAS TA' ATTENDENZA GĦAL-LAQGĦAT MILL-KUNSILLIERA

10.1. Is-Sindku nfurmat li s-SE talab direzzjoni mingħand id-Dipartiment dwar din il-materja fejn ġie nfurmat li mhux il-kompitu ta' dan id-Dipartiment li jispeċifika jekk assenza hux ġustifikata jew le, u li huwa l-Kunsill li jiddeċiedi billi jittieħed vot.

10.2. Il-kunsillier Bugeja jissuġġerixxi li l-kunsill għandu jimxi fuq il-mudell tas-sistema li tintuża fil-parlament.

10.3. Il-kunsillier A. Grima ħareġ mil-laqgħa fid-20:45.

10.4. Il-Viċi Sindku ippropona li jekk Kunsillier jassenti ruħu u bħala ġustifikazzjoni juża t-terminu 'raġuni personali', il-

kunsill m'għandux jgħoddha bħala ġustifikata u li għandu jinforma lill-ministru b'dan. Ittieħed vot dwar dan u kien hemm ħames (5) voti favur, is-Sindku, il-viċl Sindku, u l-kunsilliera Fenech, Vella, u Bezzina, tnejn (2) kontra, il-kunsilliera A. Grima u Tabone u żewġ (2) astensjonijiet, il-kunsilliera Bugeja u Cremona.

10.5. Jidħol lura l-kunsillier A. Grima fid-20:58.

## 11. TNIĠĠIŻ TAL-BAĦAR MADWAR IL-LOKALITA'

10.1 Is-Sindku preżentat il-korrispondenza dwar din il-materja. Il-kunsill qabel unanimament li jittieħdu l-miżuri kollha biex ma jkunx hemm tniġġiż.

## 12. IL-ĦIDMA TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BURMARRAD

11.1 Is-Sindku infurmat lill-kunsill li S-Sinjura Simone Aquilina bagħtet korrispondenza li fiha nfurmat li ma tistax tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba li ser tkun imsiefra u li fl-istess korrispondenza tispjega li l-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad ma kienux qed isiru minħabba nuqqas ta' attendenza mill-membri tal-Kumitat, kif ukoll li kitbu uffiċjalment lill-Onor. Buontempo biex jittieħdu passi iżda tgħid li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess.

11.2 il-kunsillier A. Grima semma r-responsabbiltajiet li għandha ċ-ċerperson tal-Kumitat Amministrattiv, jiġifieri li tinforma lill-kunsill bil-ħidma tal-Kumitat.

11.3 Ġie maqbul li nerġgħu nitolbu liċ-ċerperson tal-Kumitat Amministrattiv biex tattendi għal-laqgħa li jmiss.

## 13. TMIEM IL-LAQGĦA

13.1. Fid-21:05 il-Kunsill qabel il jtemm il-laqgħa.

13.2. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 5 ta' Jannar 2017 fis-18:00.

[iffirmata]

Graziella Galea
Sindku

[iffirmata]

Malcolm Agius
Segretarju Eżekuttiv